MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Numru. 1474/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Anton Mario Sciberras**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anton Mario Sciberras detentur tal-karta tal-identita` numru 52080(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-01 ta' Marzu 2008 jew fil-jiem ta' qabel:

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1)(b), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn ammetta ghall-ewwel, ghat-tieni u ghar-raba' akkuzi kif dedotti kontrih biss u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Jidher mix-xhieda tal-imputat li hu qatt ma ha gurament meta ffirma Dok SC3 u la hadd tah krucifiss sabiex ibusu hekk kif irid ir-rit tal-guramenti.

Inoltre, f'dan id-dokument, m'hemmx l-identifikazzjoni tal-persuna li suppost tat dan il-gurament bil-konsegwenza li l-Qorti ma tistax tikkonstata jekk din il-persuna effettivament kellhiex is-setgha li taghmel dan u ghalhekk l-akkuza numru 5 ma gietx ippruvata.

Illi a rigward it-tielet akkuza jirrizulta mix-xhieda tal-imputat illi huwa mhux vera li tilef l-licenzja hekk kif gie ddikjarat fid-dokument Dok RA5 u ghalhekk din tammonta ghal dikjarazzjoni jew stqarrija falza hekk kif imnizzla taht l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk, filwaqt li tillibera lill-imputat Anton Mario Sciberraqs mill-hames akkuza, issibu hati fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza stante li gew ammessi u ssibu hati tat-tielet akkuza stante li kif inghad giet ippruvata u stante li it-tieni u r-raba' akkuza huma assorbiti fit-tielet u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------